# IL-QAWMA

Kull min kien student jista' jgħidlek li l-aħjar snin ta' ħajtu kienu dawk fl-Università. Mimli b'żgħużitu, student igħaddi ħajja ta' ferħ u ta' qawwa. Dmirijiet ikollu, u dawn jagħmilhom b'ħeffa ta' qalb bla ħsieb u bla niket, fil-waqt li jfittex kemm jista' dawk il-ħinijiet, dawk il-ġrajja f'ħajtu biex igawdi.

Iżda l-ħajja ta' Student mhux hekk biss tgħaddi. Hemm naħa oħra fl-egħmil tiegħu. Dina aktar għaqlija. Fl-Università, fejn jidħol żagħżugħ, student jista' jitgħallem isir raġel, jitgħallem jaħseb għalih, jitgħabba bid-dmir li jaħseb ukoll għal art twelidu, u għad-dinja. Dan hu ix-xogħol ta' Università. Università għandha ssawwar l-istudenti b'mod li dawn b'għerfhom ikunu jistgħu jaħsbu għax issa jafu, għal dawk li ma jaħsbux.

Ma' dan kollu, f'Malta dawk l-istudenti li jridu jaħdmu biex iħallu d-dinja xi ħaġa aħjar minn li sabuha, ftit huma. It-tmexxija tal-ħsieb Malti mhux f'idejna. Fostna nsibu rqad, insibu għażż li jmewwet qawwitna, li għal ftit ma jitfix il-ħerqa mixgħula f'dawk li jridu jimxu 'l quddiem. Forsi mhux għażż. Għal ħwejjeġ żgħar issib ħafna li jħaddmu moħħhom u ġisimhom. Xinhi, mela, din li żżomhom lura mita naslu fil-ħwejjeġ kbar? Xinhu dan is-semm li jaħdem fihom u ma jħallihomx jiħdu it-tmexxija? jew għal l-inqas interess, fil-ġrajja ta' art twelidhom u tad-dinja?

Ftit hemm, tassew, għal mistħija tagħna tingħad, min ma jridx jitnikker meta niġu biex nagħmlu s-sewwa. Iżda xi snin ilu kienu anqas. Dan juri li l-qawma fostna qegħda ssir, imma bil-qajla.

L-ewwel ġlieda kienet dik għal l-ilsien Malti fl-Università. Imxejna ħafna 'l quddiem, hekk 'l quddiem li nistgħu neħduha b'rebħa. Xkiel għad hemm u għad insibu. Imma issa magħqudin aħna, u magħqudin inseħħu. It-tfixkil kien kiefer u l-ġlieda twila. Din turija ta' dak li għidna qabel: għal ħwejjeġ żgħar, ħwejjeġ, nistgħu ngħidu, ħżiena, li jmisshom inqatgħu minn żmien Vassalli, issib min iħaddem moħħu. Tistax issib ħaġa iħżen, ibleh minn li tiġġieled kontra dak li hu tiegħek, dak li hu ta' ġensek, ta' darek, ta' demmek: ilsienek? Iżda b'min għamel hekk l-Università kienet mimlija sa ftit snin ilu. Issa ma għadniex hekk. Issa nistgħu ngħidu li rbaħna: IL-MALTI THALLAS.

Fil-waqt li kien qiegħed isir dan, ġa deher ħsieb ieħor f'xi studenti. Tinsab issa fl-Università għażla ta' studenti li ma humiex bi ħsiebhom jieqfu fejn wasalna. Ir-rebħa tal-Malti daħħlet fihom ħsieb ieħor, fehma ġdida. L-Università għad-dejja issa għal żminijiet ġodda. Miexja lejn ir-ras ta' dak kollu li hu Malti, kif imiss u jistħoqq lil Università Maltija. Bħal għarbiel l-Università tkun tista' issaffi l-ħsieb Malti. Bħal werrej turi t-trieq tas-sewwa u tal-ħaqq.

Din il-qatgħa ta' studenti, għalkemm tista' ma taqbilx għal kollox bejnietha tilqa' li l-istudenti għandhom iħallu l-għlied għal-ħwejjeġ żgħar u jgħaddu għal dak li hu aktar għaqli u li jeħtieġlu taħsib kbir, taħsib li ma jkun miġbud lejn xejn ħlief is-sewwa. Il-fehma, għalhekk ta' din l-għaqda ta' studenti hi li jwettqu dak li rbaħna u fuq sies tajjeb iħabirku biex isaffu fejn jeħtieġ tisfija, iġeddu dak li qdiem, jagħmlu dak li jonqos jeqirdu l-ħażin. Dawn mhumiex bħal dawk li jafdaw kollox li hu ta' l-imgħoddi għax, igħidu, ta' l-imgħoddi missirijietna għaddewh u għexu fih u bħalhom aħna nistgħu nagħmlu, min-għajr ma jaħsbu li jekk missierna għêx dik il-ħajja, ħu missierna ma għex, u waqa' taħt il-qilla ta' żmienu u l-ħruxija ta' inħa-wih. Din ir-ruħ il-ġdida li qamet fostna tgħid li jekk jaħtieġ nġeddu, inġeddu, jekk jaħtieġ tindifa nnaddfu, jekk m'hemmx noħolqu, dak li ħżien inqaċċtu, u jekk l-imgħoddi ma nsibulu xejn tajjeb, ninsewh.

Le, għal dawn iż-żgħażagħ l-imgħoddi ma jiġbidx. Dak li hu u dak li ġej huma li jgħoddu. Jekk ta' qabilna għiltu ma naħsbux bħalhom. Naħsbu għan-nisel tagħna li f'Malta jew barra għad igħammar qalb dak li lestejnielu aħna.

U din ir-ruħ ta' tiġdid kif sa taħdem? Kif sa tikser ir-raqda li torbot għadd hekk kbir minna? Kif sa twassal ħsiebha biex tqajjem u ġġiegħel jaħdem dan il-għadd imsejken u mdallam? Bl-ilsien Malti.

FEDERIK AMATO GAUCI.